MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 2292/2004

**Montaldo Insurance Agency Ltd bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company**

**vs**

**Eugenio Nappa u Rennie Briffa jew min minnhom**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Dicembru, 2004 fejn intqal :**
**Illi l-atturi filwaqt li jaghmlu referenza ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Dicembru, 2002, gewwa l-Fgura fejn waqt li l-konvenut Rennie Briffa kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAZ-528 ta' proprjeta` tal-konvenut Eugenio Nappa minghajr ma kien kopert bil-polza tal-assikurazzjoni**

**mas-socjeta` attrici stante li ma kellux 25 sena u bi traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku habat gewwa vettura ohra FBN-813, b'kawza ta' liema incident is-socjeta` attrici sofriet danni da likwidarsi f'ammont li ma jeccedix l-elf u hames mitt lira Maltija, jitolbu li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu din is-somma hekk likwidata.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti jew min minnhom ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta`attrici fit-13 ta' Lulju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuti. Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' David Debono. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi skond decizjoni ta' dan it-Tribunal tat-2 ta' April, 2004, fil-kawza fl-ismijiet « Citadel Insurance p.l.c., kif surrogata fil-jeddijiet ta' Maria Theresa Grech, sia bil-polza u sia bil-Ligi, u l-istess Maria Theresa Grech vs Rennie Briffa", l-istess Briffa kien gie kkundannat ihallas lill-imsemmija Grech is-somma ta' tlett mija u sitta u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm366.75).**
**2. Fil-fatt David Debono, Claims Manager tas-socjeta` attrici, jikkonferma li huma hallsu l-ammont skond kif deciz, u dana hallsuh lill-assikurat taghhom Eugenio Nappa.**
**3. Rennie Briffa li kien is-sewwieq fil-vettura ta' Nappa, ma kienx kopert bil-polza ta' assikurazzjoni. Kien obbligu ta' Eugenio Nappa li jassigura li min kien qed isuq il-vettura kien kopert bil-polza. Ghalhekk Eugenio Nappa ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici biss fil-konfront ta' Eugenio Nappa, u jikkundannah ihallas**

**lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u sitta u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm366.75) bl-imghaxijiet legali mill-11 ta’ Lulju, 2005 sal-gurnata tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Eugenio Nappa skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------